

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-27 ta' Frar 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña – Spanja) – Transportes Jordi Besora, SL vs Generalitat de Catalunya

(Kawża C-82/12) ⁽¹⁾

(Taxxi indiretti — Dazji tas-sisa — Direttiva 92/12/KEE — Artikolu 3(2) — Żjut minerali — Taxxa fuq il-bejgħ bl-imnun — Kunċett ta' “għan speċifiku” — Trasferiment ta’ kompetenzi lill-Komunitajiet Awtonomi — Finanzjament — Assenjazzjoni predeterminata — Infiq għal kura tas-sahħha u ambjentali)

(2014/C 112/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinvju

Tribunal Superior de Justicia de Cataluña

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Transportes Jordi Besora, SL

Konvenut: Generalitat de Catalunya

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari – Tribunal Superior de Justicia de Cataluña – Interpretazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqli u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitulu 9, Vol. 1, p. 179) – Żjut minerali – Taxxa speċjal fuq il-bejgħ bl-imnun ta' ċerti idrokarburi – Taxxi indiretti minbarra s-sisa b'għanijiet speċifiċi – Taxxa li għandha għan li jista' jintlaħaq permezz ta' taxxa armonizzata oħra – Taxxa stabbilita simultanjament ma' dan it-trasferiment ta' ċerti kompetenzi lir-reġjuni u intiża, parżjalment, li ssostni l-ispejjeż tar-reġjuni marbuta mal-kompetenzi l-ġodda ttrasferiti – Għan purament baġitarju

Dispożittiv

L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqli u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi taxxa fuq il-bejgħ bl-imnun ta' żjut minerali, bħax-taxxa fuq il-bejgħ ta' ċerti żjut minerali (Impuesto sobre las Ventas Minoristas de Determinados Hidrocarburos) inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi tali taxxa ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li għandha għan speċifiku fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, peress li din it-taxxa intiża sabiex tiffinanzja l-eżerċizzju mill-komunitajiet lokali kkonċernati tal-kompetenzi tagħhom fl-oqsma tas-sahħha u tal-ambjent, ma hijiex minnha nnifisha maħsuba sabiex tiżgura l-protezzjoni tas-sahħha u tal-ambjent.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.05.2012.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Frar 2014 – Stichting Woonpunt, Stichting Havensteder, li kienet Stichting Com.wonen, Woningstichting Haag Wonen, Stichting Woonbedrijf SWS.HvL vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-132/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Ghajjnuna mill-Istat — Skem ta' ghajjnuna mogħtija favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Deċiżjoni ta' kompatibbiltà — Impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jikkonformaw ruħhom mad-dritt tal-Unjoni — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Rikors għal annullament — Kundizzjoniet għall-ammissibbiltà — Interess għuridiku — Locus standi — Benefiċjarji kkonċernati individwalment u direttament — Kunċett ta' “ċirku magħluq”)

(2014/C 112/04)

Lingwa tal-proċedura: l-Olandiż

Partijiet

Appellanti: Stichting Woonpunt, Stichting Havensteder, li kienet Stichting Com.wonen, Woningstichting Haag Wonen, Stichting Woonbedrijf SWS.Hhv (rappreżentanti: P. Glazener u E. Henny, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. van Vliet, S. Noë u S. Thomas, aġenti)

Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) tas-16 ta' Diċembru 2011, Stichting Woonpunt et vs Il-Kummissjoni (T-203/10) li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9963 finali, tal-15 ta' Diċembru 2009, dwar l-għajnuna mill-Istat E 2/2005 u N 642/2009 – il-Pajjiżi l-Baxxi – Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika għal proġetti favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali l-Baxxi – Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika għal proġetti favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerha l-iskema ta' għajnuna E 2/2005.

Dispożittiv

- 1) *Id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2011, Stichting Woonpunt et vs Il-Kummissjoni (T-203/10) huwa annullat safejn dan jiddikjara inammissibbli r-rikors għal annullament ta' Stichting Woonpunt, Stichting Havensteder, Woningstichting Haag Wonen u Stichting Woonbedrijf SWS.Hhv kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2009) 9963 finali, tal-15 ta' Diċembru 2009, marbuta mal-għajnuna mill-Istat E 2/2005 u N 642/2009 – il-Pajjiżi l-Baxxi – Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika għal proġetti favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerha l-iskema ta' għajnuna E 2/2005.*
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-rikors għal annullament imsemmi fil-punt 1 ta' dan id-dispożittiv huwa ammissibbli.
- 4) Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu tar-rikors għal annullament imsemmi fil-punt 1 ta' dan id-dispożittiv.
- 5) L-ispejjeż huma rriżervati.

⁽¹⁾ ĠU C 138, 12.05.2012.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Frar 2014 – Stichting Woonlinie, Stichting Allee Wonen, Woningstichting Volksbelang, Stichting WoonInvest, Stichting Woonstede vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-133/12 P) ⁽¹⁾

(Appell — Għajnuna mill-Istat — Skemi ta' għajnuna mogħtija favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Deċiżjoni ta' kompatibbiltà — Impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jikkonformaw ruħhom mad-dritt tal-Unjoni — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Rikors għal annullament — Kundizzjoniet għall-ammissibbiltà — Interess ġuridiku — Locus standi — Benefiċjarji kkonċernati individwalment u direttament — Kunċett ta' “ċirku magħluq”)

(2014/C 112/05)

Lingwa tal-proċedura: l-Olandiż

Partijiet

Appellanti: Stichting Woonlinie, Stichting Allee Wonen, Woningstichting Volksbelang, Stichting WoonInvest, Stichting Woonstede (rappreżentanti: P. Glazener u E. Henny, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti H. van Vliet, S. Noë u S. Thomas, aġenti)